**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

## FTUĦ TAL-BIEB TAL-ĦNIENA
## SENA TAL-ĠUBLEW

Nhar it-Tlieta, 8 ta' Diċembru 2015, Festa tat-Tnissil bla tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija, il-Qdusija tiegħu il-Papa Franġisku se jiftaħ il-Bieb tal-Ħniena fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan.

Imbagħad, nhar il-Ħadd, 13 ta' Diċembru 2015, li jkun it-Tielet Ħadd tal-Avvent, se ssir ċelebrazzjoni li matulha jinfetaħ il-Bieb tal-Ħniena fil-Katidral tal-Imdina, bħala parti mill-bidu tal-Ġublew tal-Ħniena fil-Knisja f'Malta.

Iċ-ċelebrazzjoni tibda fil-Knisja ta' San Mark fir-Rabat fil-5.30 p.m. u wara ssir purċissjoni lejn il-Katidral tal-Imdina fejn jinfetaħ il-Bieb tal-Ħniena u ssir Quddiesa fil-Katidral stess. Nistennew li l-Quddiesa tintemm għall-ħabta tat-7.45 p.m.

Mons. Arċisqof iħeġġeġ lil dawk kollha li jistgħu biex jieħdu sehem f'din iċ-Ċelebrazzjoni Djoċesana għall-bidu tas-Sena tal-Ħniena.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili illum 30 ta' Novembru 2015.

Lawrence Gatt
Kanċillier

Joe Galea Curmi
Vigarju Ġenerali